

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Novembru 2012

li taħtar membru Belġjan u membru supplenti Belġjan fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2012/736/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Belġjan,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE <sup>(1)</sup> u 2010/29/UE <sup>(2)</sup> li jahtaru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.
- (2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Charles PICQUÉ sar vakanti siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.
- (3) Wara l-ħatra tas-Sur Alain HUTCHINSON bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni ser isir vakanti siġġu ta' membru supplenti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Huma b'dan maħturin membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Alain HUTCHINSON, *Membre du Parlement de la Région de Bruxelles- Capitale*

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Charles PICQUÉ, *Ministre-Président du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale*.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

G. DEMOSTHENOUS

<sup>(1)</sup> ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

<sup>(2)</sup> ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.